MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1700/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Halim Hassan Tayeh**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa mija u sitta u sebghin lira Maltin u erba' centezmi (Lm976.04) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku li igib in-numru 21383899 (akkont numru 10129937) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali 2, Sherwell Flats, Triq l-Ilqugh, Swieqi, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokuemnti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u sebghin lira Maltin u erba' centezmi (Lm976.04), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------